Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SZPUNAR
ippreżentati fl-14 ta’ Jannar 2016[1]

**Kawżi Magħquda C-381/14 u C-385/14**

**Jorge Sales Sinués**
**vs**
**Caixabank SA**
**u**
**Youssouf Drame Ba**
**vs**
**Catalunya Caixa SA (Catalunya Banc SA)**

[talbiet għal deċiżjoni preliminari magħmula mill-Juzgado de lo Mercantil nº9 de Barcelona (qorti kummerċjali Nru 9 ta’ Barcelona, Spanja)]

“Direttiva 93/13/KEE — Kuntratti konklużi mal-konsumaturi — Kuntratt ta’ self ipotekarju — Klawżoli inġusti — Azzjoni għal dikjarazzjoni ta’ nullità ta’ klawżola — Assoċjazzjoni għall-protezzjoni tal-konsumaturi — Mandat ta’ inibizzjoni kollettiv — Sospensjoni tal-proċedura individwali — Prinċipji ta’ ekwivalenza u ta’ effettività”

## I – **Introduzzjoni**

1. Fil-kawżi preżenti, il-Juzgado de lo Mercantil nº 9 de Barcelona (qorti kummerċjali Nru 9 ta’ Barcelona, Spanja) għandha dubji dwar il-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni Spanjola dwar is-supremazija proċedurali ċivili mal-Artikolu 7 tad-Direttiva 93/13/KEE[2] u, għalhekk dwar il-kompatibbiltà, ma’ dan l-istess artikolu tas-sospensjoni tal-azzjonijiet individwali sakemm tingħata deċiżjoni finali li ttemm il-proċedura kollettiva introdotta mill-assoċjazzjoni tal-konsumaturi u tal-utenti.

2. Id-domandi preliminari ġew ippreżentati fil-kuntest ta’ kawżi bejn żewġ konsumaturi u żewġ stabbilimenti bankarji fir-rigward tal-azzjonijiet individwali għal dikjarazzjoni ta’ nullità tal-klawżoli ta’ rata minima li jirriżultaw minn kuntratti ta’ kreditu ipotekarju.

3. Dawn il-kawżi joffru, fost oħrajn, lill-Qorti tal-Ġustizzja, il-possibbiltà li tikkjarifika l-ġurisprudenza tagħha dwar in-natura tal-azzjonijiet individwali u dawk kollettivi u r-relazzjoni ta’ bejniethom.

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — Direttiva tal-Kunsill 93/13 KEE, tal-5 ta’ April 1993, dwar klawżoli inġusti f’kuntratti mal-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288).

## II – **Il-kuntest ġuridiku**

### A – *Id-dritt tal-Unjoni*

4. L-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 93/13 jipprovdi:

"Klawżola kuntrattwali li ma tkunx ġiet negozjata individwalment għandha titqies inġusta jekk, kontra l-ħtieġa ta' buona fede, tkun tikkawża żbilanċ sinifikanti fid-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet li joħorġu mill-kuntratt, bi ħsara għall-konsumatur."

5. L-Artikolu 4(1) ta' din id-direttiva jistabbilixxi:

"[...] il-karattru inġust ta' klawżola kuntrattwali għandu jiġi stmat, billi titqies in-natura tal-merkanzija jew servizzi li għalihom ikun kien konkluż il-kuntratt u ssir referenza, filwaqt li jiġi konkluż il-kuntratt, għaċ-ċirkostanzi kollha preżenti waqt il-konklużjoni tal-kuntratt u għall-klawżoli l-oħra kollha tal-kuntratt jew ta' kuntratt ieħor li jiddependi fuqu."

6. L-Artikolu 6(1) tal-imsemmija direttiva huwa redatt kif ġej:

"L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu li klawżoli inġusti użati f'kuntratt konkluż ma konsumatur minn bejjiegħ jew fornitur għandhom, kif previst fil-liġi nazzjonali tagħhom, ma jkunux jorbtu lill-konsumatur u li l-kuntratt għandu jkompli jorbot lill-partijiet fuq dawn il-klawżoli jekk dan ikun kapaċi jkompli jeżisti mingħajr il-klawżoli inġusti."

7. L-Artikolu 7(1) u (2) tad-Direttiva 93/12 jipprovdi:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fl-interessi tal-konsumaturi u l-kompetituri, jeżistu mezzi adegwati u effettivi biex jipprevjenu li jibqgħu jintużaw klawżoli inġusti f'kuntratti konklużi mal-konsumaturi mill-bejjiegħa jew fornituri.

2. Il-mezzi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu disposizzjonijiet li bihom persuni jew organizzazzjonijiet, li jkollhom interess leġittimu skond il-liġi nazzjonali li jipproteġu lill-konsumaturi, ikunu jistgħu jieħdu azzjoni skond il-liġi nazzjonali kkonċernata quddiem il-qrati jew quddiem korpi amministrattivi kompetenti għal deċiżjoni dwar jekk il-klawżoli kuntrattwali ppreparati għal-użu ġenerali jkunux inġusti, biex ikunu jistgħu japplikaw mezzi xierqa u effettivi biex jipprevjenu li jkomplu jintużaw dawn il-klawżoli.

[...]".

### B – *Id-dritt Spanjol*

8. L-Artikolu 13 tal-kodiċi ta' proċedura ċivili (Ley de enjuiciamiento), tas-7 ta' Jannar 2000 (BOE Nru 7, tat-8 ta' Jannar 2000, p. 575, iktar 'il quddiem il-"kodiċi ta' proċedura ċivili") jipprovdi:

"1. Fil-mori tal-kawża, kull persuna li turi li għandha interess dirett u leġittimu għas-soluzzjoni tat-tilwima, tista' tkun ammessa kemm bħala rikorrent kif ukoll bħala konvenut.

B'mod partikolari, kull konsumatur jew utent jista' jintervjeni fil-proċeduri mressqa mill-entitajiet legalment rikonoxxuti, għad-difiża tal-interessi ta' dawn tal-aħħar.

2. It-talba għall-intervent ma tissospendix il-mori tal-proċedura. Il-qorti għandha tiddeċiedi permezz ta' digriet, f'terminu ġenerali ta' għaxart ijiem, wara li tkun semgħet il-partijiet fil-kawża.

3. Ladarba l-intervent jiġi ammess, dan ma għandux effett retroattiv fuq it-trattament tal-kawża, iżda l-intervenjent huwa, għall-finijiet prattiċi, meqjus bħala parti fil-proċedura u jista' jiddefendi t-talbiet invokati mill-partijiet l-oħra fil-kawża jew dawk li invoka huwa stess, jekk ikollu l-possibbiltà li jagħmel dan fil-proċedura, anki jekk il-partijiet l-oħra fil-kawża jirrinunzjaw mill-proċedura, jammettu t-talba, jirtiraw jew jabbandunaw il-proċedura għal kwalunkwe raġuni oħra.

L-intervenjent jista' wkoll jinvoka l-argumenti neċessarji għad-difiża tiegħu, li ma jkunx invoka peress li dawn jikkorrispondu għal stadji proċedurali li kienu jippreċedu l-ammissjoni tiegħu fil-proċedura. Fi kwalunkwe każ, is-Secretario judicial għandu jikkomunika dawn l-argumenti lill-partijiet l-oħra fi żmien ħamest ijiem.

Bl-istess mod, l-intervenjent jista' juża r-rimedji ġudizzjarji previsti kontra d-deċiżjonijiet li huwa jqis jippreġudikaw l-interessi tiegħu, anki jekk il-partijiet l-oħra fil-kawża jaċċettawhom."

9. L-Artikolu 15 tal-kodiċi ta' proċedura ċivili huwa redatt kif ġej:

"1. Fi proċeduri istitwiti minn assoċjazzjonijiet jew entitajiet stabbiliti għall-protezzjoni tad-drittijiet u tal-interessi tal-konsumaturi u tal-utenti, jew minn gruppi ta' persuni leżi, kull persuna li hija leża minħabba l-fatt li kienet konsumatur tal-prodott jew utent tas-servizz li ta lok għall-proċedura, għandha tiġi mistiedna tipparteċipa fil-proċedura sabiex tkun tista' tinvoka d-dritt tagħha jew l-interess individwali tagħha. Din l-istedina ssir mis-Secretario judicial li għandu jippubblika l-ammissibbiltà tar-rikors permezz tal-mezzi tax-xandir li jintużaw fit-territorju fejn seħħ il-ksur ta' dawn id-drittijiet jew interessi.

[…]

3. Fir-rigward ta' proċedura fejn il-fatt dannuż jippreġudika għadd ta' persuni indeterminati jew li diffiċli jiġu ddeterminati, l-istedina jkollha l-effett li tissospendi l-kawża għal perijodu ta' mhux iktar minn xahrejn li għandu jiġi stabbilit f'kull każ partikolari mis-Secretario judicial fid-dawl taċ-ċirkustanzi jew tal-kumplessità tal-fatti u tad-diffikultajiet ta' determinazzjoni u l-lokalizzazzjoni tal-persuni leżi. Il-kawża tissokta bl-intervent tal-konsumaturi kollha li jkunu aċċettaw l-istedina, u l-parteċipazzjoni individwali tal-konsumaturi jew tal-utenti fil-kawża ma tkunx ammessa fi stadju sussegwenti, bla ħsara għall-fatt li dawn tal-aħħar ikunu jistgħu jinvokaw id-drittijiet u l-interessi tagħhom skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 221 u 519 ta' din il-liġi.

4. Id-dispożizzjonijiet preċedenti ma japplikawx għal proċeduri ppreżentati permezz ta' mandat ta' inibizzjoni li għandu l-għan li jiddefendi l-interessi kollettivi stabbiliti tal-konsumaturi u tal-utenti."

10. Skont l-Artikolu 43 tal-kodiċi ta' proċedura ċivili:

"[M]eta, sabiex tingħata deċiżjoni fuq is-suġġett tat-tilwima, ikun meħtieġ li tiġi riżolta kwistjoni li hija stess tikkostitwixxi s-suġġett prinċipali ta' proċedura oħra pendenti quddiem l-istess qorti jew qorti oħra, jekk ikun impossibbli li l-kawżi jingħaqdu, il-qorti tista' tiddeċiedi, permezz ta' digriet, fuq talba taż-żewġ partijiet jew ta' waħda minnhom u wara li tkun instemgħet il-kontroparti, favur is-sospensjoni tal-kawża fi kwalunkwe stadju qabel ma tingħalaq il-proċedura li tikkonċerna l-kwistjoni preliminari."

11. Fir-rigward tal-effetti tad-deċiżjonijiet mogħtija fil-kuntest tal-proċeduri ppreżentati mill-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi jew tal-utenti, l-Artikolu 221 tal-kodiċi ta' proċedura ċivili jipprovdi:

"1. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikoli preċedenti, is-sentenzi mogħtija fir-rigward tar-rikorsi ppreżentati mill-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi jew tal-utenti, iċċertifikati skont l-Artikolu 11 ta' din il-liġi, huma suġġetti għar-regoli segwenti:

1a. Jekk id-deċiżjoni tkun waħda ta' kundanna pekunjarja, ta' obbligu ta' kummissjoni jew ta' ommissjoni jew ta' għoti ta' ħaġa partikolari jew ġenerali, is-sentenza li tilqa' t-talba għandha tindika individwalment il-konsumaturi u l-utenti li għandhom jitqiesu li huma benefiċjarji tal-kundanna skont il-liġijiet dwar il-protezzjoni tagħhom.

Meta jkun impossibbli li tali konsumaturi u utenti jiġu identifikati individwalment, is-sentenza għandha tistabbilixxi l-informazzjoni, il-karatteristiċi u l-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex ikun jista' jintalab il-ħlas u, skont il-każ, tintalab l-eżekuzzjoni jew l-intervent tal-aħħar, jekk l-assoċjazzjoni rikorrenti tressaq talba f'dan is-sens.

2a. Jekk il-kundanna jew is-sentenza prinċipali jew unika, joriġinaw mid-dikjarazzjoni tan-natura illeċita jew illegali tal-attività jew tal-aġir partikolari, is-sentenza għandha tindika jekk, skont il-liġi relatata mal-protezzjoni tal-konsumaturi u tal-utenti, id-dikjarazzjoni għandhiex tipproduċi effeti proċedurali li ma humiex limitati għall-persuni li kienu partijiet fil-proċedura inkwistjoni.

3a. Jekk kien hemm konsumaturi jew utenti partikolari li pparteċipaw fil-proċedura, is-sentenza għandha tinkludi deċiżjoni espressa dwar it-talbiet tagħhom.

2. F'sentenzi li jilqgħu mandat ta' inibizzjoni li l-għan tiegħu huwa l-protezzjoni tal-interessi kollettivi u tal-interessi stabbiliti tal-konsumaturi u tal-utenti, il-qorti tista', jekk tqis li huwa meħtieġ, u bi spejjeż għall-konvenut, tiddeċiedi li tippubblika s-sentenza, totalment jew parzjalment, jew jekk l-effetti tal-ksur jistgħu jippersistu maż-żmien, tagħmel dikjarazzjoni ta' rettifika."

12. Skont l-Artikolu 222 tal-kodiċi ta' proċedura ċivili:

"1. L-awtorità tar-*res judicata* marbuta ma' sentenzi finali, kemm jekk jikkonstataw kif ukoll jekk jiċħdu talba, teskludi, skont il-liġi, kwalunkwe proċedura sussegwenti jekk is-suġġett ikun identiku għal dak tal-proċedura li għaliha din tapplika.

2. L-awtorità tar-*res judicata* hija marbuta mat-talbiet invokati fit-talba prinċipali u fil-kontrotalba, kif ukoll fil-punti msemmija fl-Artikolu 408(1) u (2) ta' din il-liġi.

Il-fatti li jseħħu wara l-iskadenza tat-terminu għall-preżentata tan-noti fil-proċedura li matul tagħha ġew invokati dawn it-talbiet, għandhom jitqiesu li huma ġodda jew differenti, meta mqabbla mal-fondatezza tat-talbiet iċċitati iktar 'il fuq.

3. L-awtorità tar-*res judicata* torbot ukoll lill-partijiet fil-proċedura li għaliha tapplika, kif ukoll lill-eredi u lill-aventi kawża tagħhom, u għall-persuni li mingħajr ma jkunu partijiet fil-proċedura, huma d-detenturi ta' drittijiet li fuqhom hija msejsa l-leġittimazzjoni attiva tal-partijiet, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 11 ta' din il-liġi.

[...]

4. Deċiżjoni li tkun saret *res judicata* fis-sentenza definittiva li tagħlaq il-proċedura torbot lill-qorti li quddiemha titressaq proċedura sussegwenti, jekk id-deċiżjoni li għandha l-awtorità tar-*res judicata* tidher, fil-proċedura l-ġdida, bħala preċedent loġiku tas-suġġett ta' din tal-aħħar, kemm-il darba l-partijiet fiż-żewġ proċeduri huma l-istess jew l-awtorità tar-*res judicata* tapplika għalihom skont id-dispożizzjonijiet legali."

13. Skont l-Artikolu 519 tal-kodiċi ta' proċedura ċivili:

"Meta s-sentenzi ta' kundanna msemmija fl-ewwel regola tal-Artikolu 221 la jidentifikaw, individwalment, il-konsumaturi u lanqas l-utenti li ser jibbenefikaw minnha, il-qorti li għandha l-ġurisdizzjoni teżegwixxi għandha, fuq talba ta' persuna jew ta' diversi persuni kkonċernati u wara li tkun semgħet il-parti kkundannata, tagħti digriet li fih tiddeċiedi jekk għandhiex tikkonċedi lir-rikorrenti, skont l-informazzjoni, il-karatteristiċi u l-kundizzjonijiet stabbiliti fis-sentenza, il-kwalità ta' benefiċjarji. Abbażi ta' dan id-digriet, il-persuni rrikonoxxuti bħala tali jistgħu jitolbu l-eżekuzzjoni. Il-ministru pubbliku jista' jitlob l-eżekuzzjoni tas-sentenza favur il-konsumaturi u l-utenti kkonċernati."

## III – **Il-fatti fil-kawża prinċipali, id-domandi preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja**

14. Fl-20 ta' Ottubru u fis-7 ta' Frar 2005, J. Salés Sinués u Y. Drame Ba kkonkludew rispettivament, fuq bażi personali, kuntratt ta' novazzjoni għal self ipotekarju u kuntratt ta' self ipotekarju, mal-istabbilimenti bankarji Caixabank SA (iktar 'il quddiem "Caixabank") u Catalunya Caixa SA (Catalunya Banc SA) (iktar 'il quddiem "Catalunya Caixa"). Dawn il-kuntratti ġew konklużi b'rati nominali għall-ammonti totali ta' EUR 78 132 u ta' EUR 209 000 rispettivament, u kienu jistabbilixxu, taħt it-titolu ta' "klawżola ta' rata minima", limitu fil-varjazzjoni tar-rata tal-interessi nominali applikabbli għat-tiġdid annwali suċċessiv, li kien stabbilit rispettivament, għal 2.85 % u għal 3.75 %. Dawn l-istess kuntratti kienu jistabbilixxu wkoll limitu massimu għal din ir-rata, ta' 12 %.

15. Il-kuntratti msemmija iktar 'il fuq kienu jinkludu, barra minn hekk, klawżola li bis-saħħa tagħha r-rata nominali stabbilita kienet applikabbli, mill-introduzzjoni tagħhom, sal-1 ta' Ottubru 2006 u sal-31 ta' Awwissu 2005 rispettivament. B'effett mill-jum ta' wara dawn id-dati sal-amortizzazzjoni totali tas-self, kienu applikabbli l-interessi nominali varjabbli skont l-indiċi ta' referenza, jiġifieri l-EURIBOR, għall-valuri rispettivi ta' + 0 .60 % u + 0 .50 %.

16. Fl-10 ta' Ottubru u fil-25 ta' Ottubru 2013 rispettivament, J. Salés Sinués u Y. Drame Ba ppreżentaw, separatament, rikors għall-annullament tal-klawżoli ta' rata minima li jirriżultaw mill-kuntratti tagħhom ta' self ipotekarju. Fir-rikorsi tagħhom, ir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali jsostnu li, fir-rigward tal-kundizzjonijiet ġenerali tal-kuntratti, il-klawżoli ta' rata minima kienu ġew imposti fil-konfront tagħhom unilateralment mill-istabbilimenti bankarji mingħajr ma kienu ġew innegozjati. Konsegwentement, huma qegħdin jitolbu lill-qorti tar-rinviju, minn naħa, tikkonstata n-nullità ta' dawn il-klawżoli minħabba n-nuqqas ta' trasparenza u ta' ekwilibriju li rriżulta u dan għad-detriment tagħhom u min-naħa l-oħra tordna l-ħlas lura tal-ammonti indebitament irċevuti minn dawn l-istituzzjonijiet bankarji abbażi tal-imsemmija klawżoli.

17. Qabel il-kawżi tar-rikorrenti, l-assoċjazzjoni tal-konsumaturi u tal-utenti tal-Adicae (Asociación de Usuarios de Bancos Cajas y Seguros)[3] ippreżentat, fil-11 ta' Novembru 2010, azzjoni kollettiva quddiem il-Juzgado de lo Mercantil Nru 11 ta' Madrid (qorti kummerċjali Nru 9 ta' Madrid, Spanja) kontra 72 stabbiliment bankarju, fosthom Caixabank u Catalunya Caixa[4]. Dan ir-rikors kellu l-għan li jwaqqaf l-użu tal-klawżoli ta' rata minima minħabba n-natura abbużiva tagħhom.

3 — Assoċjazzjoni tal-konsumaturi speċjalizzata fil-qasam tas-servizzi bankarji u tal-assigurazzjoni.

4 — Fuq talba tal-qorti li quddiemha tressqet l-azzjoni, inħarġet stedina lill-pubbliku permezz tal-mezzi tax-xandir u tal-Adicae.

18. Abbażi tal-Artikoli 11(4), 43 u 222 tal-kodiċi ta' proċedura ċivili, il-konvenuti fil-kawżi prinċipali qajmu eċċezzjoni preliminari ċivili u talbu s-sospensjoni tal-proċeduri individwali li jikkonċernawhom, sakemm tingħata deċiżjoni definittiva li ttemm il-proċedura kollettiva.

19. Ir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali oġġezzjonaw għal din l-eċċezzjoni billi invokaw id-dritt tagħhom li jiddissoċjaw ruħhom mill-azzjoni kollettiva mressqa mill-assoċjazzjoni tal-konsumaturi u tal-utenti u d-dritt tagħhom li jressqu proċeduri individwalment.

20. Fil-kuntest tal-kawżi li tressqu quddiemha, il-qorti tar-rinviju tindika, l-ewwel nett, li l-Artikolu 43 tal-kodiċi ta' proċedura ċivili jipprevedi effett sospensiv fuq l-azzjoni individwali, sakemm l-azzjoni kollettiva tasal għal deċiżjoni definittiva. Hija ssostni wkoll li meta n-numru ta' persuni kkonċernati huwa diffiċli, jew saħansitra impossibbli li jiġi ddeterminat, l-Artikolu 15(3) tal-kodiċi ta' proċedura ċivili ma jippermettix lill-persuni kkonċernati jressqu azzjoni legali individwalment, għajr wara t-terminu ta' xahrejn mill-istedina ġenerali għall-parteċipazzjoni fil-proċedura, permezz tal-mezzi tax-xandir soċjali. Fl-aħħar nett, hija tippreċiża li l-parteċipazzjoni individwali fi proċedura għall-protezzjoni tal-interessi kollettivi, imressqa abbażi tal-Artikolu 11(4) tal-kodiċi ta' proċedura ċivili, tobbliga lill-konsumatur partikolari jidher quddiem il-qorti li quddiemha tkun tressqet il-kawża sabiex jirrinunzja għad-dritt tiegħu li jressaq proċeduri fil-*forum* tiegħu stess (qorti kummerċjali tal-post tad-domiċilju tiegħu).

21. Fid-dawl ta' dak li ntqal, il-qorti tar-rinviju għandha dubji dwar il-kompatibbiltà tal-Artikolu 43 tal-kodiċi ta' proċedura ċivili mal-Artikolu 7 tad-Direttiva 93/13 f'ċirkustanzi bħal dawk tal-kawża prinċipali. Hija tfakkar, b'mod partikolari, li, fid-data tal-talbiet preliminari, il-proċedura relatata mal-azzjoni kollettiva, li l-eżitu tagħha jkun determinanti fil-każ tas-sospensjoni tal-kawżi prinċipali, ilha pendenti erba' snin, li għadha ma ġiet stabbilita l-ebda data għas-smigħ u li r-risposti ta' diversi stabbilimenti bankarji għadhom ma ġewx ippreżentati.

22. Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Juzgado de lo Mercantil nru 9 de Barcelona (qorti kummerċjali Nru 9 ta' Barcelona), permezz ta' żewġ deċiżjonijiet tas-27 ta' Ġunju 2014, li waslu r-reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-11 ta' Awwissu 2014 (C-381/14) u fit-13 ta' Awwissu 2014 (C-385/14) rispettivament, iddeċidiet li tissospendi l-proċedura u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari segwenti:

"1) Jista' jiġi kkunsidrat [li l-ordinament ġuridiku Spanjol jipprevedi] [...] mezz jew mekkaniżmu effettiv fis-sens tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13/KE?

2) Sa liema punt dan l-effett sospensiv jikkostitwixxi ostakolu għall-konsumatur, u għalhekk, ksur tal-Artikolu 7(1) tal-istess direttiva, biex tiġi invokata n-nullità ta' dawn il-klawżoli inġusti li jinsabu fil-kuntratt tiegħu?

3) Il-fatt li konsumatur ma jistax jiddistakka ruħu mill-azzjoni kollettiva jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 93/13?

4) Jew inkella, bil-kontra ta' dan, l-effett sospensiv tal-Artikolu 43 [tal-kodiċi ta' proċedura ċivili] huwa konformi mal-Artikolu 7 tad-Direttiva 93/13 fis-sens li d-drittijiet tal-konsumatur huma kompletament imħarsa minn din l-azzjoni kollettiva, peress li l-ordinament ġuridiku Spanjol jipprevedi mekkaniżmi proċedurali oħra li huma daqstant effettivi għall-ħarsien tad-drittijiet tiegħu, u mill-prinċipju ta' ċertezza legali?"

23. Permezz ta' digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-9 ta' Settembru 2014, il-Kawżi C-381/14 u C-385/14 ġew magħquda għall-finijiet tal-proċedura bil-miktub, tal-proċedura orali u tas-sentenza. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub minn J. Salés Sinués, minn Catalunya Caixa, mill-Gvern Spanjol kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea. J. Salés Sinués, Caixabank, Catalunya Caixa, il-Gvern Spanjol kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea nstemgħu waqt is-seduta tat-30 ta' Settembru 2015.

## IV – **Analiżi tad-domandi preliminari**

24. Id-domandi preliminari preżenti, kif redatti mill-qorti tar-rinviju, jikkonċernaw l-interpretazzjoni tad-Direttiva 93/13 fil-kuntest ta' żewġ kuntratti ta' self ipotekarju li kull wieħed minnhom għandu klawżola ta' rata minima. Din it-tip ta' klawżola tistabbilixxi, għar-rati ta' interessi varjabbli, limitu minimu li taħtu l-konsumaturi ma jistgħux igawdu minn tnaqqis tar-rati uffiċjali.

25. Il-kawżi preżenti mhux biss jagħmlu parti minn kuntest ġuridiku kumpless, iżda wkoll minn kuntest fejn għadd ta' kriterji ta' interpretazzjoni ma jikkonverġux bejn il-qrati nazzjonali differenti. Għaldaqstant, jidhirli li huwa neċessarju li nibda billi nfakkar, filwaqt li nibbaża ruħi fuq l-informazzjoni li tirriżulta mill-proċessi li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja għad-dispożizzjoni tagħha, l-elementi essenzjali tar-regoli proċedurali inkwistjoni, qabel ma ngħaddi għall-eżami tad-domandi preliminari.

### A – *Rimarki preliminari*

26. Il-qorti tar-rinviju, J. Salés Sinués, il-Gvern Spanjol kif ukoll il-Kummissjoni, irreferew għall-portata tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni, b'mod partikolari tal-Artikolu 43 tal-kodiċi ta' proċedura ċivili, li barra minn hekk huwa l-qofol tal-problema li tressqet quddiem il-qorti tar-rinviju u l-Qorti tal-Ġustizzja.

#### 1. L-eċċezzjoni bbażata fuq is-supremazija tal-proċedura ċivili

27. Il-qorti tar-rinviju tindika li d-dritt proċedurali Spanjol ma jippermettix li jitressqu żewġ proċeduri ġudizzjarji bejn l-istess partijiet, li jkollhom l-istess suġġett u kawża, la simultanjament u lanqas suċċessivament, minħabba r-riskju li jistgħu jirriżultaw f'żewġ deċiżjonijiet kontradittorji. Għaldaqstant, id-dritt Spanjol jistabbilixxi tliet mekkaniżmi differenti sabiex jiġi evitat dan ir-riskju, jiġifieri, l-awtorità sostantiva tar-*res judicata*[5], *lis alibi pendens*[6] u s-supremazija tal-proċedura ċivili.

28. Huwa preċiżament dan l-aħħar mekkaniżmu proċedurali, stabbilit fl-Artikolu 43 tal-kodiċi ta' proċedura ċivili, li jikkostitwixxi l-problema essenzjali mqajma mill-qorti tar-rinviju. Dan l-artikolu jirreferi għal sitwazzjonijiet li fihom, sabiex tingħata deċiżjoni dwar is-suġġett tat-tilwima pendenti quddiem qorti ċivili, "ikun meħtieġ li tiġi deċiża kwistjoni li hija stess tikkostitwixxi s-suġġett prinċipali ta' proċedura oħra pendenti quddiem l-istess qorti jew qorti oħra" ċivili. Skont dan l-istess artikolu, jekk ikun possibbli li l-kawżi jingħaqdu, il-qorti hija marbuta li tagħmel dan. Min-naħa l-oħra, jekk ma jkunx possibbli li l-kawżi jingħaqdu, din id-dispożizzjoni tippermetti lill-qorti tissospendi l-kawża.

5 — Skont il-qorti tar-rinviju, ikun hemm awtorità sostantiva tar-*res judicata*, stabbilita fl-Artikolu 222 tal-kodiċi ta' proċedura ċivili, meta sentenza definittiva, li tilqa' jew tiċħad it-talba, tingħata fi proċedura ġudizzjarja preċedenti, b'mod li ma tkun tista' titressaq ebda proċedura ġdida li jkollha l-istess suġġett, l-istess kawża u li tkun bejn l-istess partijiet.

6 — Il-qorti tar-rinviju tispjega li hemm *lis alibi pendens* meta s-suġġett tal-proċedura sussegwenti jkun identiku għal dak li jkun ta lok għall-proċedura preċedenti pendenti. Għalhekk, minħabba r-riskju ta' deċiżjonijiet kontradittorji dwar l-istess suġġett, din it-tieni proċedura għandha tiġi mħassra mir-reġistru.

29. Sabiex jiġu sospiżi l-proċeduri, għandhom jiġu ssodisfatti tliet kundizzjonijiet kumulattivi, jiġifieri, l-impatt dirett u determinanti tad-domanda preliminari fuq is-soluzzjoni tal-kawża prinċipali, it-talba ta' waħda mill-partijiet jew tat-tnejn[7] u l-eżistenza ta' kawża pendenti li tikkonċerna d-domanda preliminari. Madankollu, l-Artikolu 43 tal-kodiċi ta' proċedura ċivili jistabbilixxi li "l-qorti *tista' tiddeċiedi* [...] favur is-sospensjoni tal-kawża". Għalhekk, kif jirriżulta mid-deċiżjonijiet tal-qorti tar-rinviju, jidher li s-sospensjoni għandha natura fakultattiva, inkwantu l-Artikolu 43 jikkonċedi lil qrati marġni ta' diskrezzjoni sabiex jiddeċiedu jekk is-sospensjoni hijiex rilevanti[8].

2. L-interpretazzjoni u l-applikazzjoni diverġenti tal-Artikolu 43 tal-kodiċi ta' proċedura ċivili mill-qrati nazzjonali

30. Kif jirriżulta mill-atti tal-proċess, li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha għad-dispożizzjoni tagħha, huma l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni diverġenti, mill-qrati nazzjonali, tal-Artikolu 43 tal-kodiċi ta' proċedura ċivili fil-kuntest tal-proċedura kollettiva ta' inibizzjoni, introdotta mill-Adicae, li jrendu l-analiżi tad-domandi preliminari iktar kumplessa, peress li l-kwistjoni ma ġietx deċiża mill-qrati nazzjonali superjuri.

31. Minn naħa, jidher li ċerti qrati nazzjonali jqisu li hemm supremazija proċedurali ċivili abbażi tal-Artikolu 43 tal-kodiċi ta' proċedura ċivili u jiddeċiedu favur is-sospensjoni tal-ewwel proċedura sakemm tingħata sentenza definittiva fir-rigward tat-tieni proċedura, billi jibbażaw ruħhom fuq il-konnessjoni bejn is-suġġett tal-azzjonijiet individwali u dak tal-azzjonijiet kollettivi[9].

32. Min-naħa l-oħra, jidher li qrati oħra jqisu li teżisti sitwazzjoni ta' *lis alibi pendens* bejn l-azzjonijiet individwali u l-azzjonijiet kollettivi, u dan fid-dawl tal-identità tas-suġġett, tal-kawża u tal-partijiet[10] u jiddeċiedu li jeliminaw il-kawżi individwali billi jibbażaw ruħhom fuq l-Artikolu 222(3) tal-kodiċi ta' proċedura ċivili. Mill-proċess jirriżulta li dawn il-qrati huma fil-minoranza.

33. Fl-aħħar nett, ċerti qrati jqisu li la hemm supremazija proċedurali ċivili u lanqas *lis alibi pendens* peress li jqisu, b'mod partikolari, li ma teżisti l-ebda identità reali, la tas-suġġett u lanqas tal-partijiet, li l-konsegwenzi tal-azzjoni kollettiva ma humiex determinanti għall-azzjonijiet individwali u li, anki jekk id-dikjarazzjoni ta' nullità tal-klawżoli ta' rata minima fil-kuntest tal-azzjoni kollettiva seta' jkollha effett pożittiv fuq l-azzjonijiet individwali, iċ-ċaħda tal-ewwel mhux bilfors timplika ċ-ċaħda tat-tieni. Huma jikkonkludu għalhekk li l-konsumatur jibqa' jgawdi mill-kwalità li jaġixxi sabiex jiddefendi l-interessi ġudizzjarji tiegħu stess, mingħajr ma jkun hemm lok li tiġi sospiża l-proċedura individwali[11].

34. Hija din l-aħħar interpretazzjoni li l-Gvern Spanjol u l-Kummissjoni jidher li jikkondividu, billi jsostnu b'mod partikolari, fl-osservazzjonijiet tagħhom bil-miktub, li l-applikazzjoni tal-Artikolu 43 tal-kodiċi ta' proċedura ċivili mhux bilfors timplika s-sospensjoni tal-azzjoni individwali.

7 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-Tribunal Supremo (awla ċivili) Nru 527/2013, tat-3 ta' Settembru 2013.

8 — Il-qorti tar-rinviju tindika li "qiegħda fl-istadju tal-proċedura fejn għandha *tiddeċiedi* dwar is-sospensjoni tal-kawża, jew jekk, għall-kuntrarju, għandhiex tkompli bl-andament normali tagħha sal-għoti tas-sentenza" (l-enfasi hija tiegħi). Dwar l-Artikolu 43 tal-kodiċi ta' proċedura ċivili, ara, b'mod partikolari, De la Oliva Santos, A., *Objeto del proceso y cosa juzgada en el proceso civil*, Thomson-Civitas, 2006, p. 85 sa 88; Montero Aroca, J., *Derecho Jurisdiccional II. Proceso civil*, il-21 edizzjoni, Tirant lo Blanch, 2013, p. 126 u 127, u Gimeno Sendra, V., *Derecho Procesal Civil 1. El proceso de declaración. Parte General*, il-5 edizzjoni., Colex, 2014, p. 215.

9 — F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tirreferi għad-digriet tal-Audiencia Provincial de Barcelona (qorti provinċjali ta' Barcelona) Nru 84/2013, tal-11 ta' Ġunju 2013 li, filwaqt li ħadet inkunsiderazzjoni l-possibbiltà li d-deċiżjoni li kellha tingħata fil-proċedura kollettiva, tiddikjara n-nullità tal-klawżoli ta' rata minima, tipprovdi espressament, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 221(1) tal-kodiċi ta' proċedura ċivili, li din tapplika *ultra partes*.

10 — Il-Kummissjoni tindika li din il-pożizzjoni minoritarja tidher li saret dik tal-Audiencia Provincial de Barcelona (qorti provinċjali ta' Barcelona) fid-digriet tagħha Nru 112/2014, tad-9 ta' Ottubru 2014.

11 — Ara, b'mod partikolari, id-digriet tal-Audiencia Provincial de Huelva (qorti provinċjali ta' Huelva), Nru 76/2013, tal-24 ta' Frar 2014, u s-sentenzi tal-Audiencia Provincial de Ourense (qorti provinċjali ta' Orense), Nru 278/2013 u Nru 494/2013, tat-22 ta' Mejju u tat-22 ta' Settembru 2014.

35. Il-Gvern Spanjol iżid jgħid, fl-osservazzjonijiet ippreżentati waqt is-seduta, li huwa meħtieġ li ssir distinzjoni bejn l-mandat ta' inibizzjoni kollettiv li jipprojbixxi l-użu ta' kundizzjonijiet ġenerali kuntrattwali, li huma ta' natura abbużiva, mill-azzjoni individwali għall-annullament tal-kuntratt tas-self ipotekarju, ibbażata fuq il-fatt li dan tal-aħħar jinkludi klawżola abbużiva. Peress li dawn iż-żewġ azzjonijiet huma ta' natura differenti, is-suġġett tagħhom jikkoinċidi biss parzjalment. Fil-fatt, filwaqt li, fil-mandat ta' inibizzjoni kollettiv, il-partijiet għandhom il-possibbiltà li jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom, mingħajr ma jkun possibbli li jiġu evalwati ċ-ċirkustanzi kollha tal-każ partikolari (verifika astratta u ġenerali), b'mod partikolari fir-rigward tal-konsumatur li jkun ikkonkluda kuntratt ta' tisħib fl-*azzjoni individwali*, il-qorti għandha tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha eżistenti fid-data tal-konklużjoni tal-kuntratt ta' self, inkluża l-evoluzzjoni tagħhom, iċ-ċirkustanzi kollha li wasslu għall-konklużjoni tiegħu, kif ukoll il-klawżoli l-oħra kollha tal-kuntratt, jew ta' kuntratt ieħor li fuqu huwa dipendenti [12].

36. Għalhekk, il-Gvern Spanjol isostni, minn naħa, li l-interpretazzjoni loġika u sistematika tar-regoli proċedurali Spanjoli teskludi s-supremazija proċedurali ċivili u min-naħa l-oħra, li l-Artikolu 43 tal-kodiċi ta' proċedura ċivili jikkonċerna supremazija li ma hijiex sempliċiment ipotetika jew potenzjali, iżda reali, raġuni li għaliha ma għandhiex tingħata s-sospensjoni.

3. Il-kwistjoni tal-effetti ta' deċiżjonijiet li jilqgħu l-azzjonijiet kollettivi, għall-konsumaturi li ma kinux partijiet fil-proċedura

37. Il-Gvern Spanjol u Catalunya Caixa jsostnu li l-Artikolu 221 tal-kodiċi ta' proċedura ċivili ma jipprevedix li l-effetti ta' deċiżjoni li tilqa' l-azzjoni kollettiva, għandhom jiġu estiżi għal kwalunkwe konsumatur li l-kuntratt tiegħu fih kundizzjoni ġenerali li taqa' taħt in-natura tal-klawżola inkwistjoni. Fil-fatt, fil-każ ta' *ċaħda tal-azzjoni kollettiva*, dan l-artikolu jippermetti l-prosegwiment tal-eżerċizzju tal-azzjoni individwali, sabiex il-konsumatur ikun jista' jippreżenta ċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-każ konkret tiegħu. Skont dan il-gvern, dan huwa konformi mal-Artikolu 11(1) tal-kodiċi ta' proċedura ċivili, li jistabbilixxi li l-*locus standi* tal-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi huwa rrikonoxxut "[m]ingħajr preġudizzju għall-kwalità individwali tal-persuni leżi li jaġixxu" [13]. Min-naħa l-oħra, il-Gvern Spanjol iżid jgħid li l-Artikolu 221 tal-kodiċi ta' proċedura ċivili jistabbilixxi biss li l-effetti ta' deċiżjoni *li tilqa' l-azzjoni kollettiva* jistgħu jiġu estiżi għal persuni li ma kinux partijiet fil-proċedura, bid-deċiżjoni tkun tali li taqa' fuq il-qorti nazzjonali [14].

38. Madankollu, J. Salés Sinués sostna waqt is-seduta li l-eżerċizzju tal-azzjoni individwali jimplika, fil-prinċipju, id-diżassoċjazzjoni mill-proċedura kollettiva, jiġifieri li l-konsumatur jirrinunzja għall-effett estensiv li l-Artikolu 221(1) tal-kodiċi ta' proċedura ċivili jorbot ma' deċiżjoni eventwali li tilqa' l-azzjoni kollettiva f'din il-proċedura. Għalhekk, ma hemmx ir-riskju ta' żewġ sentenzi konradittorji mogħtija fir-rigward tal-istess talba. Madankollu, huwa jsostni li l-interpretazzjoni tal-Artikolu 43 tal-kodiċi ta' proċedura ċivili favur l-eżistenza tas-supremazija proċedurali ċivili u għalhekk is-sospensjoni tal-kawża sal-għoti tad-deċiżjoni definittiva fir-rigward tal-azzjoni kollettiva, ikollha l-konsegwenza li l-konsumatur ma jkunx jista' jiddiżassoċja ruħu mill-azzjoni kollettiva.

12 — Sentenza tat-Tribunal Supremo (awla ċivili, qorti plenarja) Nru 241/13, tad-9 ta' Mejju 2013, punti 235 sa 238.

13 — Dan l-istess artikolu jipprovdi li "[b]la ħsara għall-kwalità individwali tal-persuni leżi li jaġixxu, l-assoċjazzjonijiet tal-kosumaturi u tal-utenti legalment ikkostitwiti, għandhom ikollhom *locus standi* sabiex jiddefendu d-drittijiet u l-interessi tal-membri tagħhom u dawk tal-assoċjazzjoni, kif ukoll l-interessi ġenerali tal-konsumaturi u tal-utenti".

14 — L-enfasi hija tiegħi.

4. L-intervent fil-proċeduri intiżi għall-protezzjoni tad-drittijiet u tal-interessi kollettivi u stabbiliti tal-konsumaturi

39. Il-qorti tar-rinviju, J. Salés Sinués, il-Gvern Spanjol u l-Kummissjoni jirreferu għas-sentenza tat-Tribunal Supremo tad-9 ta' Mejju 2013 [15], mogħtija fil-kuntest ta' mandat ta' inibizzjoni kollettiv, għajr dik imsemmija mill-qorti tar-rinviju, iżda li wkoll tikkonċerna klawżola ta' rata minima. It-Tribunal supremo (qorti suprema) kienet iddikjarat n-nullità ta' dan it-tip ta' klawżoli mhux minħabba l-kontenut tagħhom, iżda minħabba n-nuqqas ta' trasparenza, jiġifieri n-nuqqas ta' informazzjoni ċara u trasparenti mogħtija lil konsumaturi dwar l-imsemmija klawżoli [16].

40. Fir-rigward tan-natura tal-azzjoni li fiha ngħatat din is-sentenza, il-Kummissjoni sostniet, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha li, peress li kienet tikkonċerna biss mandat ta' inibizzjoni kollettiv u għalhekk unikament il-legalità tal-klawżoli ta' rata minima, din l-azzjoni kollettiva ma kellhiex konsegwenzi fir-rigward tal-kumpens.

41. Min-naħa l-oħra, J. Salés Sinués indika, waqt is-seduta, li l-azzjoni kollettiva introdotta mill-Adicae tinkludi, minn naħa, azzjoni dikjaratorja bl-għan li l-klawżola ta' rata minima ma tibqax tagħmel parti mill-kuntratti ta' self u, min-naħa l-oħra, talba kollettiva għall-kumpens minħabba l-ksur ikkawżat permezz ta' din l-klawżola. F'dan ir-rigward, huwa sostna li l-Artikolu 15 tal-kodiċi ta' proċedura ċivili mhux applikabbli fil-kuntest ta' mandat ta' inibizzjoni, iżda esklużivament fil-kuntest ta' azzjoni kollettiva għal danni. Għalhekk, l-intervent individwali tal-konsumaturi fi żmien xahrejn wara l-istedina ġenerali għall-parteċipazzjoni fil-proċedura kollettiva, magħmula permezz tal-mezzi tax-xandir, skont l-Artikolu 15(3) tal-kodiċi ta' proċedura ċivili, ma kienx jikkonċerna l-mandat ta' inibizzjoni kollettiv imressaq mill-Adicae, iżda biss l-azzjoni kollettiva għall-kumpens [17]. Skont J. Salés Sinués, fil-kawża preżenti, id-dewmien fil-proċedura huwa dovut għalhekk għall-azzjoni kollettiva għall-kumpens, minħabba l-għadd kbir ta' konsumaturi li ssieħbu bħala partijiet fuq bażi individwali [18]. Għalhekk, huwa jsostni li azzjoni kollettiva għal kumpens tieħu iktar żmien minn azzjoni individwali.

42. Minn dak li ntqal iktar 'il fuq jirriżulta, fil-fehma tiegħi, li huwa f'dan il-kuntest li d-domandi preliminari għandhom jiġu eżaminati, bir-riżerva tal-verifika mill-qorti tar-rinviju.

B – *Dwar id-domandi preliminari*

43. Qabelxejn, huwa meħtieġ li jitfakkar li, fil-kuntest tal-proċedura ta' kooperazzjoni bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja, huwa l-kompitu ta' din tal-aħħar li tagħti lill-qorti nazzjonali risposta utli li tippermettilha tiddetermina l-kawża li tkun tressqet quddiemha. Fid-dawl ta' dan, jekk dan ikun meħtieġ, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tifformula mill-ġdid id-domandi magħmula

15 — Sentenza tat-Tribunal Supremo (awla ċivili, qorti plenarja) Nru 241/13, tad-9 ta' Mejju 2013. F'din is-sentenza, it-Tribunal Supremo kien illimita r-retroattività tad-dikjarazzjoni ta' nullità, b'mod li din tipproduċi effetti *ex nunc*, jiġifieri mhux mid-data tal-konklużjoni tal-kuntratt ta' self (*ex tunc*), iżda biss mid-9 ta' Mejju 2013, id-data tal-għoti tas-sentenza inkwistjoni. Din il-limitazzjoni ġiet ikkonfermata f'sentenza tal-istess qorti tal-25 ta' Marzu 2015, Nru 139/2015. Barra minn hekk, din il-limitazzjoni tal-effetti kienet, reċentement, is-suġġett ta' talba għal deċiżjoni preliminari mressqa minn qorti Spanjola fil-kawża Gutierrez Naranjo (C-154/15), pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

16 — Mill-osservazzjonijiet bil-miktub ippreżentati minn J. Salés Sinués jirriżulta li, peress li l-klawżola ta' rata minima kienet tagħmel parti mill-valur tal-kuntratt ta' self, l-istabbilimenti finanzjarji għandhom jinformaw lil konsumaturi dwar din il-klawżola, sabiex ikollhom għarfien sħiħ dwar l-impatt tagħha fuq il-valur reali tal-kreditu meta jiffirmaw il-kuntratt.

17 — Ir-rikorrent ikkwota l-Artikolu 15(4) tal-kodiċi ta' proċedura ċivili, li jistabbilixxi li "[d-]dispozizzjonijiet hawn fuq indikati ma japplikawx għall-proċeduri mressqa permezz ta' mandat ta' inibizzjoni kollettiv li għandu l-għan li jiddefendi l-interessi kollettivi stabbiliti tal-konsumaturi u tal-utenti".

18 — Catalunya Caixa sostniet waqt is-seduta li d-dewmien tal-proċedura kollettiva huwa marbut, fost oħrajn, man-numru għoli ta' konsumaturi (90 00) li ssieħbu fuq bażi individwali f'din il-kawża.

lilha[19]. Għal dan l-għan, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tislet, mill-informazzjoni kollha li tkun ipprovditilha l-qorti nazzjonali u, b'mod partikolari, mill-motivazzjoni tad-deċiżjoni tar-rinviju, ir-regoli u l-prinċipji tad-dritt tal-Unjoni li jeżiġu interpretazzjoni, b'kunsiderazzjoni għas-suġġett tal-kawża prinċipali[20].

44. Fil-kawża preżenti, fl-opinjoni tiegħi, permezz tad-domandi tagħha, il-Juzgado de lo Mercantil nº9 de Barcelona (qorti kummerċjali nru 9 ta' Barcelona) qiegħda fil-fatt tistieden lil-Qorti tal-Ġustizzja tinterpreta l-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività fil-kuntest tal-implementazzjoni tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 93/13, sabiex tkun tista' tevalwa l-osservanza tad-dritt tal-Unjoni permezz tar-regoli proċedurali inkwistjoni.

45. F'dawn iċ-ċirkustanzi, hemm lok li d-domandi preliminari jinftiehmu fis-sens li għandhom l-għan, essenzjalment, li jiġi stabbilit jekk, fid-dawl tal-prinċipji tal-ekwivalenza u tal-effettività, l-Artikolu 7 tad-Direttiva 93/13 għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi regola proċedurali nazzjonali, bħal dik fil-kawża prinċipali, li tippermetti s-sospensjoni, minħabba s-supremazija proċedurali ċivili, ta' azzjoni individwali mressqa parallelament ma' mandat ta' inibizzjoni kollettiv, sakemm tingħata deċiżjoni definittiva li ttemm il-proċedura kollettiva, mingħajr ma l-konsumatur partikolari jkun jista' jiddiżassoċja ruħu mill-azzjoni kollettiva.

## 1. Dwar il-kriterji ta' evalwazzjoni tan-natura abbużiva tal-klawżoli kuntrattwali fil-kuntest tad-Direttiva 93/13 u tal-ġurisprudenza

### a) L-azzjonijiet li jinvolvu konsumatur individwali u l-mandati ta' inibizzjoni kollettivi

46. Jidhirli li huwa importanti li nfakkar, preliminarjament, li s-sistema ta' protezzjoni implimentata mid-Direttiva 93/13 hija msejsa fuq l-idea li l-konsumatur jinsab f'sitwazzjoni ta' inferjorità fil-konfront tal-bejjiegħ, kemm fir-rigward tas-setgħa fin-negozjar kif ukoll tal-livell ta' informazzjoni, sitwazzjoni li twasslu sabiex jaċċetta l-kundizzjonijiet redatti minn qabel mill-bejjiegħ, mingħajr ma jkun jista' jeżerċita l-influwenza tiegħu fuq il-kontenut ta' dawn tal-aħħar[21].

47. Sabiex jaċċerta l-protezzjoni mogħtija mid-Direttiva 93/13, il-leġiżlatur tal-Unjoni introduċa kriterji għall-evalwazzjoni tan-natura abbużiva tal-klawżoli kuntrattwali, li jeżiġu, b'mod partikolari, l-analiżi taċ-ċirkustanzi konkreti f'kull kawża[22]. F'dan ir-rigward, skont l-Artikolu 3 tad-Direttiva 93/13, huwa meħtieġ li jiġi stabbilit jekk il-klawżola tal-kuntratt inkwistjoni ġietx innegozjata individwalment jew le u għalhekk jekk din il-klawżola ġietx redatta minn qabel, mingħajr ma l-konsumatur seta' jinfluwenza l-kontenut tagħha, b'mod partikolari fil-kuntest ta' kuntratt ta' sħubija. Barra minn hekk, l-Artikolu 4(1) ta' din l-istess direttiva jipprovdi li n-natura abbużiva tal-klawżola kuntrattwali għandha tiġi evalwata fid-dawl, fil-mument tal-konklużjoni tal-kuntratt, taċ-"ċirkostanzi kollha preżenti waqt il-konklużjoni" kif ukoll tal-"klawżoli l-oħra kollha tal-kuntratt jew ta' kuntratt ieħor li jiddependi fuqu".

19 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Krüger (C-334/95, EU:C:1997:378, punti 22 u 23); Byankov (C-249/11, EU:C:2012:608, punt 57), kif ukoll Biovet (C-306/14, EU:C:2015:689, punt 17).

20 — Ara, f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenzi Redmond (83/78, EU:C:1978:214, punt 26) u Byankov (C-249/11, EU:C:2012:608, punt58), kif ukoll Konstantinides (C-475/11, EU:C:2013:542, punt 42).

21 — Ara s-sentenzi Océano Grupo Editorial u Salvat Editores (C-240/98 sa C-244/98, EU:C:2000:346, punt 25); Mostaza Claro (C-168/05, EU:C:2006:675, punt 25); Asturcom Telecomunicaciones (C-40/08, EU:C:2009:615, punt 29); Pannon GSM (C-243/08, EU:C:2009:350, punt 22); Invitel (C-472/10, EU:C:2012:242, punt 33); Aziz (C-415/11, EU:C:2013:164, punt 44), u Barclays Bank (C-280/13, EU:C:2014:279, punt 32).

22 — Skont il-ħmistax-il premessa tad-Direttiva 93/13, "[...] huwa meħtieġ li jiġu ffissati b'mod ġenerali l-kriterji li bihom jiġi stmat il-karattru inġust ta' klawżoli tal-kuntratti".

48. Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-*azzjonijiet li jinvolvu konsumatur individwali*, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fid-dawl tas-sitwazzjoni ta' inferjorità msemmija iktar 'il fuq, li l-"l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva jobbliga lill-Istati Membri li jipprevedu li l-klawżoli inġusti, kif previst fil-liġi nazzjonali tagħhom, ma jkunux jorbtu lill-konsumatur". Kif jirriżulta mill-ġurisprudenza, din hija dispożizzjoni obbligatorja li hija intiża li tissostitwixxi l-ekwilibriju formali li l-kuntratt jistabbilixxi bejn id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet kontraenti b'ekwilibriju reali li jista' jistabbilixxi mill-ġdid l-ugwaljanza bejn dawn tal-aħħar" [23].

49. Jidhirli li huwa rilevanti li nfakkar li l-Artikoli 3 u 6 tad-Direttiva 93/13 jagħtu drittijiet individwali lil konsumaturi li l-qrati nazzjonali għandhom l-obbligu li jipproteġu, anki *ex officio*.

50. Fir-rigward, fit-tieni lok, tal-*mandati ta' inibizzjoni kollettivi*, bħal dik imressqa mill-Adicae, infakkar li mill-ġurisprudenza jirriżulta li d-Direttiva 93/13 ma għandhiex l-għan li tarmonizza s-sanzjonijiet applikabbli f'każ li n-natura abbużiva tal-klawżola hija rrikonoxxuta fil-kuntest tal-imsemmija azzjonijiet kollettivi. Madankollu, l-Artikolu 7(1) ta' din id-direttiva jobbliga lill-Istati Membri jiżguraw li jeżistu mezzi adattati u effikaċi sabiex itemmu l-użu ta' klawżoli abbużivi f'kuntratti konklużi mal-konsumaturi [24].

51. Il-Qorti tal-Ġustizzja kemm-il darba enfasizzat li s-sistema ta' protezzjoni implementata permezz tad-Direttiva 93/13 hija bbażata fuq l-idea li n-nuqqas ta' ugwaljanza bejn l-konsumatur u l-bejjiegħ jista' jiġi kkumpensat biss b'intervent pożittiv, indipendentement mill-partijiet fil-kuntratt [25]. Huwa għal din ir-raġuni li l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 93/13 jippreċiża li l-mezzi msemmija iktar 'il fuq jinkludu l-possibbiltà għall-assoċjazzjonijiet awtorizzati tal-konsumaturi li jressqu kawża quddiem il-qrati [jew il-korpi amministrattivi] kompetenti sabiex jiġi ddeterminat jekk il-klawżoli redatti bl-għan ta' użu ġġeneralizzat jippreżentawx natura abbużiva u, jekk ikun il-każ, sabiex jiġu pprojbiti [26].

52. Dan premess, għandu jiġi indikat ukoll li r-relazzjoni eżistenti bejn l-azzjonijiet individwali u l-azzjonijiet kollettivi ma ġietx espressament irregolata mil-leġiżlatur tal-Unjoni. Madankollu, kif sostniet ġustament il-Kummissjoni, in-natura u l-limiti tar-relazzjoni bejn dawn iż-żewġ tipi ta' azzjonijiet jistgħu jiġu dedotti mhux biss mid-Direttiva 93/12, iżda wkoll mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

b) In-natura tal-azzjonijiet individwali u tal-mandati ta' inibizzjoni kollettivi

i) Fuq in-natura tal-azzjonijiet individwali u tal-azzjonijiet kollettivi fid-Direttiva 93/13

53. Fl-osservazzjonijiet tagħha bil-miktub, il-Kummissjoni ssostni li l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13 jirreferi, b'mod ġenerali, għall-azzjonijiet individwali mressqa mill-konsumaturi li jkunu leżi minn klawżoli abbużivi, peress li dawn l-azzjonijiet jikkostitwixxu l-mezz ordinarju ta' rikors għall-protezzjoni tal-interessi tagħhom, filwaqt li l-mandati ta' inibizzjoni, previsti fit-tieni paragrafu, huma komplementari għall-garanzija ta' din il-protezzjoni.

54. Jiena naqbel ma' din l-analiżi.

23 — Ara s-sentenza Invitel (C-472/10, EU:C:2012:242, punt 34).

24 — *Ibidem* (punt 35).

25 — Ara s-sentenzi Océano Grupo Editorial u Salvat Editores (C-240/98 sa C-244/98, EU:C:2000:346, punt 27); Mostaza Claro (C-168/05, EU:C:2006:675, punt 26); Asturcom Telecomunicaciones (C-40/08, EU:C:2009:615, punt 31), kif ukoll Banco Español de Crédito (C-618/10, EU:C:2012:349, punt 41).

26 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Océano Grupo Editorial u Salvat Editores (C-240/98 sa C-244/98, EU:C:2000:346, punt 27); Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-372/99, EU:C:2002:42, punt 15), u Invitel (C-472/10, EU:C:2012:242, punt 36). Ara wkoll it-tlieta u għoxrin premessa tad-Direttiva 93/13.

55. In-natura komplementari tal-mandati ta' inibizzjoni kollettivi hija, fl-opinjoni tiegħi, marbuta mal-fatt li dawn huma azzjonijiet ġenerali li ma jikkonċernawx kontroll konkret, kif tirrikjedi d-Direttiva 93/13 fil-kuntest tal-azzjonijiet li jinvolvu konsumatur individwali, iżda biss kontroll astratt u ġenerali tan-natura potenzjalment abbużiva ta' klawżoli kuntrattwali [27].

56. Minn dan jirriżulta li d-Direttiva 93/13 timponi fuq l-Istati Membri l-introduzzjoni, fis-sistema ġuridika tagħhom, minn naħa, prinċipalment, ta' azzjonijiet individwali, sabiex tiġi evalwata n-natura abbużiva tal-klawżoli kuntrattwali u, min-naħa l-oħra, b'mod komplementari [28], ta' mandati ta' inibizzjoni kollettivi, li madankollu ma jistgħux jissostitwixxu l-azzjonijiet individwali jew ikunu ta' ostaklu għalihom.

ii) Fuq ir-relazzjoni ta' komplementarjetà bejn l-azzjonijiet individwali u l-azzjonijiet kollettivi fil-ġurisprudenza

57. Fir-rigward tal-*azzjonijiet individwali*, mill-ġurisprudenza jirriżulta li r-rwol attribwit mid-Direttiva 93/13 lil qorti nazzjonali, jiġifieri dak li tiġi żgurata l-effettività tal-protezzjoni mixtieqa mid-dispożizzjonijiet tad-direttiva, "ma huwiex limitat għas-sempliċi fakultà li tiddeċiedi dwar in-natura possibbilment abbużiva ta' klawżola kuntrattwali, iżda jinkludi wkoll l-obbligu li teżamina *ex officio* din il-kwistjoni" [29]. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, dan l-obbligu li qrati nazzjonali jintervjenu, anki *ex officio*, fil-kuntest tal-azzjonijiet individwali jikkostitwixxi, b'mod ġenerali, l-azzjoni pożittiva jew il-mezz adattat maħsub li jagħmel tajjeb għas-sitwazzjoni ta' inferjorità li fiha jinsab il-konsumatur meta mqabbel mal-bejjiegħ [30]. Min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-*azzjonijiet kollettivi*, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-assoċjazzjonijiet għall-protezzjoni tal-konsumaturi ma jinsabux f'din is-sitwazzjoni ta' inferjorità meta mqabbla mal-bejjiegħ [31]. B'mod iktar preċiż, hija ddikjarat li l-mandat ta' inibizzjoni kollettiv bejn tali assoċjazzjoni u l-bejjiegħ "ma hijiex ikkaratterizzata mill-istess żbilanċ li jeżisti fil-kuntest ta' rikors individwali bejn konsumatur u l-kokontraenti tiegħu" [32]. Din id-differenza bejn l-azzjonijiet individwali u l-mandati ta' inibizzjoni kollettivi, li tirriżulta mid-Direttiva 93/13 u li hija rrikonoxxuta mill-ġurisprudenza, issaħħaħ, fl-opinjoni tiegħi, in-natura komplementari tat-tieni tip ta' azzjonijiet meta mqabbla mal-ewwel tip.

58. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li n-"natura preventiva u l-għan dissważiv tal-azzjonijiet [għal ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni], kif ukoll l-indipendenza tagħhom fir-rigward ta' kull diżgwit individwali konkret, jimplikaw li tali azzjonijiet jistgħu jiġu eżerċitati minkejja li l-klawżoli li tintalab il-projbizzjoni tagħhom ma jkunux intużaw f'kuntratti speċifiċi" [33]. It-twettiq effettiv ta' dan l-għan jitlob, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, li l-klawżoli b'kundizzjonijiet ġenerali f'kuntratti għal użu mill-konsumaturi, li jiġu ddikjarati abbużivi fil-kuntest ta' mandat ta' inibizzjoni kollettiv kontra l-fornitur [jew fornituri partikolari], bħal dik imsemmija mill-qorti tar-rinviju, "la jorbtu lill-konsumaturi li huma parti fil-proċedura għal ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni u lanqas lil dawk li kkonkludew, ma' dan il-bejjiegħ jew fornitur, kuntratt li għalih japplikaw l-istess […] [klawżoli ġenerali]" [34]. Fil-fatt, "l-applikazzjoni ta' sanzjoni ta' nullità ta' klawżola inġusta fir-rigward

27 — Il-Kummissjoni tippreċiża li l-"persuni" msemmija fl-Artikolu 7(2) tad-direttiva, ma humiex il-konsumaturi nfushom, iżda l-persuni inkarigati mill-protezzjoni tagħhom bħal pereżempju, il-"medjatur tal-konsumaturi".

28 — Skont il-Kummissjoni, il-protezzjoni tal-konsumaturi tikkostitwixxi wieħed mill-oqsma "fejn l-infurzar privat supplimentari tad-drittijiet mogħtija mil-liġi tal-Unjoni fil-forma ta' rimedju kollettiv huwa siewi [u effettivament *jikkompleta* l-kontroll pubbliku]". Ara r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Ġunju 2013 dwar prinċipji komuni għal mekkaniżmi ta' mandat ta' inibizzjoni kollettiv u kumpensatorji fl-Istati Membri li jirrigwardaw il-ksur tad-drittijiet skont il-Liġi tal-Unjoni (ĠU 2013, L 201, tas-26 ta' Lulju 2013, premessa 7, p. 60). L-enfasi hija tiegħi.

29 — Pannon GSM (C-243/08, EU:C:2009:350, punt 32).

30 — Ara s-sentenzi Océano Grupo Editorial u Salvat Editores (C-240/98 sa C-244/98, EU:C:2000:346, punt 27); Cofidis (C-473/00, EU:C:2002:705, punt 32), u Pannon GSM (C-243/08, EU:C:2009:350, punt 32).

31 — Ara s-sentenza Asociación de Consumidores Independientes de Castilla y León (C-413/12, EU:C:2013:800, punt 49).

32 — Ara s-sentenza Asociación de Consumidores Independientes de Castilla y León (C-413/12, EU:C:2013:800, punt 50).

33 — Ara s-sentenzi Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-372/99, EU:C:2002:42, punt 15); Invitel (C-472/10, EU:C:2012:242, punt 37), u s-sentenza Pohotovosť (C-470/12, EU:C:2014:101, punt 44).

34 — Ara s-sentenza Invitel (C-472/10, EU:C:2012:242, punt 38).

tal-konsumaturi kollha li kkonkludew kuntratt ta' konsum li fir-rigward tiegħu japplikaw l-istess [...] [kundizzjonijiet ġenerali] tiggarantixxi li dawn il-konsumaturi ma jkunux marbuta bl-imsemmija klawżola, *mingħajr madankollu ma teskludi tipi oħra ta' sanzjonijiet adegwati u effettivi* previsti bil-leġiżlazzjonijiet nazzjonali" [35].

59. Għaldaqstant, minn din il-ġurisprudenza jirriżulta li, fil-kuntest tad-Direttiva 93/13, għandu jkun hemm rabta li hija favorevoli għal konsumaturi bejn l-mandat ta' inibizzjoni kollettiv u l-klawżoli konkreti li jorbtuhom, u mhux rabta li sservi ta' ostakolu għall-azzjonijiet individwali, jew ta' sostituzzjoni, favur dawn tal-aħħar, tal-mandati ta' inibizzjoni kollettivi.

2. Fuq l-evalwazzjoni tal-leġiżlazzjoni proċedurali inkwistjoni fid-dawl tal-Artikolu 7 tad-direttiva u tal-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività

60. Għandu jiġi nnotat, fid-dawl tar-redazzjoni tad-domandi preliminari, li l-qorti tar-rinviju tidher li bbażat ruħha fuq il-prinċipju li s-sospensjoni tal-azzjonijiet individwali inkwistjoni, imressqa b'mod parallel mir-rikorrenti sakemm tingħata deċiżjoni definittiva fil-proċedura kollettiva, huwa konsegwenza neċessarja tal-Artikolu 43 tal-kodiċi ta' proċedura ċivili [36]. Madankollu, mill-osservazzjonijiet ta' J. Salés Sinués u tal-Gvern Spanjol kif ukoll tal-Kummissjoni jirriżulta li din is-sospensjoni għandha natura fakultattiva, inkwantu d-dispożizzjoni inkwistjoni tirrikonoxxi marġni ta' diskrezzjoni lil qrati Spanjoli sabiex jiddeċiedu jekk tali sospensjoni hijiex rilevanti jew le.

61. Nosserva barra minn hekk, kif jirriżulta mill-punti 30 sa 33 ta' dawn il-konklużjonijiet, li fil-kawża preżenti, mal-kumplessità ta' din ir-regola proċedurali tiżdied ukoll l-interpretazzjoni diverġenti tagħha mill-qrati nazzjonali.

62. Fil-kawża preżenti, fir-rigward tar-regola nazzjonali inkwistjoni fil-kawżi prinċipali, infakkar li ma huwiex il-kompitu tal-Qorti tal-Ġustizzja li tiddeċiedi dwar l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt intern, peress li huwa l-kompitu esklużiv tal-qorti tar-rinviju jew, jekk ikun il-każ, tal-qrati nazzjonali kompetenti, li għandhom jiddeterminaw jekk id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni nazzjonali jissodisfawx ir-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', meta tkun qiegħda tiddeċiedi dwar rinviju għal deċiżjoni preliminari, jekk ikun il-każ, tagħti indikazzjonijiet intiżi li jiggwidaw lill-qorti nazzjonali fl-evalwazzjoni tagħha [37].

63. Huwa f'dan il-kuntest li issa ser neżamina, fid-dawl tal-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività, jekk ir-regola proċedurali nazzjonali inkwistjoni tostakolax l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija mid-Direttiva 93/13.

64. F'dan ir-rigward, infakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja kemm-il darba tenniet li, minħabba n-nuqqas ta' armonizzazzjoni fil-qasam tar-regoli proċedurali, din il-kwistjoni taqa' taħt l-ordinament ġuridiku intern tal-Istati Membri abbażi tal-prinċipju tal-awtonomija proċedurali ta' dawn tal-aħħar. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-modalitajiet proċedurali tar-rikorsi intiżi li jiżguraw il-protezzjoni tad-drittijiet li l-partijiet fil-kawża jgawdu taħt id-dritt tal-Unjoni, għandhom jissodisfaw il-kundizzjoni doppja li ma jkunux inqas favorevoli minn dawk li jirregolaw sitwazzjonijiet simili suġġetti għad-dritt intern (prinċipju ta' ekwivalenza) u fil-prattika ma jrendux impossibbli jew diffiċli wisq l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija lill-konsumaturi taħt id-dritt tal-Unjoni (prinċipju ta' effettività) [38].

35 — Ara s-sentenza Invitel (C-472/10, EU:C:2012:242, punt 40).

36 — Madankollu, jidher li mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li din il-qorti ma hijiex obbligata tissospendi l-kawżi inkwistjoni. Ara, f'dan ir-rigward, in-nota ta' qiegħ il-paġna nru 8 ta' dawn il-konklużjonijiet.

37 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Mascolo *et* (C-22/13, C-61/13, C-63/13 u, EU:C:2014:2401, punt 81 u 83).

38 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Rewe-Zentralfinanz u Rewe-Zentral (33/76, EU:C:1976:188, punt 5); Peterbroeck (C-312/93, EU:C:1995:437, punt 12), kif ukoll Impact (C-268/06, EU:C:2008:223, punti 44 sa 46). Ara wkoll, is-sentenzi Banif Plus Bank (C-472/11, EU:C:2013:88, punt 26); Aziz (C-415/11, EU:C:2013:164, punt 50), u Barclays Bank (C-280/13, EU:C:2014:279, punt 37).

a) Osservanza tal-prinċipju ta' ekwivalenza

65. Fir-rigward tal-osservanza tal-prinċipju ta' ekwivalenza, dan tal-aħħar jippresupponi li r-regola nazzjonali inkwistjoni tapplika bl-istess mod għal azzjonijiet imsejsa fuq il-ksur tad-dritt tal-Unjoni u għal dawk imsejsa fuq in-nuqqas ta' osservanza tad-dritt intern li jkollhom suġġett u kawża simili. Sabiex tiġi vverifikata l-osservanza tal-prinċipju ta' ekwivalenza, huwa l-kompitu tal-qorti nazzjonali, li hija l-unika li għandha għarfien dirett tal-modalitajiet proċedurali tal-azzjonijiet fil-qasam tad-dritt intern, li tivverifika jekk il-modalitajiet proċedurali intiżi sabiex jiżguraw, fid-dritt intern, il-protezzjoni tad-drittijiet li l-partijiet fil-kawża jgawdu taħt id-dritt tal-Unjoni, humiex konformi ma' dan il-prinċipju u teżamina kemm is-suġġett kif ukoll il-karatteristiċi essenzjali tal-azzjonijiet ta' natura interna li allegatament huma simili. F'dan ir-rigward, l-imsemmija qorti għandha tevalwa s-similarità bejn l-azzjonijiet kkonċernati mill-perspettiva tal-għan, tal-kawża u tal-karatteristiċi essenzjali tagħhom. Hija għandha, sabiex tistabbilixxi jekk dispożizzjoni proċedurali nazzjonali hijiex inqas favorevoli, tqis ir-rwol tagħha fil-proċedura kollha, l-andament tal-imsemmija proċedura u l-karatteristiċi partikolari ta' dawn ir-regoli [39].

66. Fil-kawża preżenti, il-possibbiltà ta' supremazija proċedurali ċivili jew ta' *lis alibi pendens* ta' kawżi individwali jew kollettivi toriġina minn kriterji ta' interpretazzjoni tar-regola inkwistjoni li ma humiex konkordanti mad-diversi qrati nazzjonali. Madankollu, fl-opinjoni tiegħi, ma hemm xejn li jindika li l-leġiżlazzjoni tkun interpretata b'mod differenti fil-kuntest ta' kawżi relatati ma' drittijiet li jirriżultaw mid-dritt nazzjonali.

b) Osservanza tal-prinċipju ta' effettività

67. Mill-perspettiva tal-prinċipju ta' effettività, kif ser jiġi espost fil-punti segwenti, diversi fatturi jippermettuli, *a contrario*, li nqis li *l-interpretazzjoni* tar-regola proċedurali inkwistjoni, li tirrikonoxxi s-supremazija proċedurali ċivili u għalhekk, is-sospensjoni tal-azzjoni individwali sakemm tingħata deċiżjoni definittiva fir-rigward tal-azzjoni kollettiva, tkun rendiet impossibbli jew diffiċli wisq l-eżerċizzju tad-drittijiet li tikkonferixxi d-Direttiva 93/13.

68. Fl-ewwel lok, jekk, kif jirriżulta mill-punti 46 sa 59 ta' dawn il-konklużjonijiet, jiġi preżunt, minn naħa, li d-Direttiva 93/13 tagħti drittijiet *in personam* individwali, li għandhom ikunu jistgħu jiġu invokati fil-kuntest ta' proċedura individwali, u min-naħa l-oħra, li l-mandat ta' inibizzjoni kollettiv huwa komplementari, differenti u indipendenti mill-eventwali azzjoni individwali, is-sospensjoni obbligatorja jew awtomatika ta' din tal-aħħar, kif ukoll in-nuqqas ta' deċiżjoni definittiva fil-proċedura kollettiva, ma jistgħux jiġu ġġustifikati.

69. Fir-rigward tad-dimensjoni individwali tad-drittijiet tal-konsumaturi, għandu jiġi nnotat, b'mod partikolari, fir-rigward tal-obbligu tal-eżami *ex officio* tan-natura eventwalment abbużiva ta' klawżola kuntrattwali li, abbażi tad-Direttiva 93/13, il-qorti nazzjonali madankollu ma hijiex marbuta teskludi l-applikazzjoni tal-klawżola inkwistjoni jekk il-konsumatur, wara li jkun ġie avżat mill-imsemmija qorti, ma jkollux l-intenzjoni jinvoka n-natura inġusta u mhux vinkolanti tagħha [40]. Fl-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, meta l-qorti nazzjonali, wara l-eżami *ex officio* ta' klawżola kuntrattwali, tqis li din tal-aħħar hija abbużiva, "hija ma għandhiex tapplikaha, ħlief meta l-konsumatur jikkontestaha" [41]. Din id-dimensjoni individwali, li tistabbilixxi li "d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva jinkorpora l-fakultà li wieħed jirrinunzja li jasserixxi d-drittijiet tiegħu" [42], timmaterjalizza ruħha minħabba

39 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Rosado Santana (C-177/10, EU:C:2011:557, punt 90).

40 — Is-sentenza Pannon GSM (C-243/08, EU:C:2009:350, punt 33).

41 — *Ibidem* (punt 35).

42 — Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott fil-kawża Duarte Hueros (C-32/12, EU:C:2013:128), punt 53).

l-possibbiltà li għandu l-konsumatur li jesprimi ruħu u l-obbligu tal-qorti nazzjonali "li tieħu inkunsiderazzjoni, jekk ikun il-każ, ir-rieda espressa mill-konsumatur meta, filwaqt li jkun konxju tan-natura mhux vinkolanti ta' klawżola inġusta, jindika xorta waħda li huwa ma jaqbilx li din tiġi mwarrba, sabiex b'hekk jagħti l-kunsens liberu u informat tiegħu għall-klawżola inkwistjoni"[43].

70. Għalhekk, l-interpretazzjoni tar-regola inkwistjoni, b'mod partikolari tal-Artikolu 43 tal-kodiċi ta' proċedura ċivili, li tipprevedi l-obbligu tas-sospensjoni tal-azzjoni individwali meta jkun hemm proċedura kollettiva parallela[44] jew li tikkonċedi prijorità awtomatika lil azzjoni kollettiva fuq l-azzjonijiet individwali, mingħajr ma l-konsumatur ikun jista' jiddeċiedi, minn naħa, li ma jeżerċitax id-dritt tiegħu jew li jeżerċitah b'mod effikaċi fil-kuntest ta' proċedura individwali jew, min-naħa l-oħra li jiddiżassoċja ruħu mill-azzjoni kollettiva, ma hijiex konformi mal-prinċipju ta' effettività.

71. F'dan ir-rigward, kif sostniet il-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet tagħha bil-miktub, l-osservanza tal-effettività tad-drittijiet individwali li tagħti d-Direttiva 93/13, timplika li kull konsumatur għandu jkun jista' jiddiżassoċja ruħu mill-azzjoni kollettiva u jintroduċi azzjoni individwali, jew sempliċiment ikompli fil-proċedura kollettiva u jaċċetta n-natura mhux vinkolanti tal-klawżola kontenzjuża. Fi kliem ieħor, il-konsumatur "għandu jkun liberu li jitlaq mill-[azzjoni kollettiva] fi kwalunkwe ħin qabel ma tingħata s-sentenza finali jew qabel ma l-każ jiġi deċiż b'mod validu, bl-istess kundizzjonijiet li japplikaw għall-azzjonijiet individwali, mingħajr ma jkun imċaħħad mill-possibbiltà li jressaq it-talbiet tiegħu f'forma oħra, jekk dan ma jippreġudikax l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja"[45]. Din il-konklużjoni tikkonċerna l-każ fejn il-konsumatur ma jkunx ipparteċipa fl-azzjoni kollettiva.

72. Fit-tieni lok, jekk, kif jirriżulta mill-punt 55 ta' dawn il-konklużjonijiet, jiġi rrikonoxxut li l-kontroll astratt u ġenerali tan-natura abbużiva tal-klawżola kuntrattwali fil-kuntest tal-mandat ta' inibizzjoni kollettiv, għandu għan differenti minn dak intiż mill-azzjonijiet individwali, jiġifieri l-kontroll konkret tal-klawżola fid-dawl taċ-ċirkustanzi speċifiċi, għandu jiġi ammess ukoll, fil-prinċipju, li d-deċiżjonijiet mogħtija fil-kuntest tal-azzjonijiet kollettivi u individwali jistgħu jkunu differenti iżda rarament kontradittorji[46]. Għaldaqstant, konsumatur li jiddeċiedi li jaġixxi fuq bażi individwali ma għandux ikun direttament affettwat mid-deċiżjoni mogħtija fil-kuntest tal-proċedura kollettiva, anki jekk huwa evidenti li l-qorti li quddiemha tressqet l-azzjoni individwali ser tieħu konjizzjoni tagħha[47].

73. Fit-tielet u fl-aħħar lok, il-possibbiltà li l-konsumatur jintervjeni fl-azzjoni kollettiva ma tistax tiġi assimilata mal-introduzzjoni tal-azzjoni individwali. L-ewwel nett, kif jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju, il-parteċipazzjoni individwali fi proċedura għall-protezzjoni tal-interessi kollettivi, imressqa abbażi tal-Artikolu 11(4) tal-kodiċi ta' proċedura ċivili, tobbliga lil konsumatur partikolari jidher quddiem il-qorti li quddiemha tressqet din il-kawża sabiex jirrinunzja għad-dritt tiegħu li jressaq proċeduri fil-*forum* tiegħu stess, jiġifieri il-qorti kummerċjali tal-post tad-domiċilju tiegħu. Sussegwentement, it-terminu ta' xahrejn dekorribbli mill-pubblikazzjoni fix-xandir, previst fl-Artikolu 15(1) u (3) tal-kodiċi ta' proċedura ċivili, jista' jippreżenta ċerti diffikultajiet prattiċi

43 — Is-sentenza Banif Plus Bank (C-472/11, EU:C:2013:88, punt 35).

44 — Ninnota, min-naħa l-oħra, li l-qrati nazzjonali għandhom iżommu l-possibbiltà li jissospendu proċedura individwali partikolari għal raġunijiet oħra leġittimi, meta s-sospensjoni tikkostitwixxi mezz adattat u proporzjonat li jiżgura l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja.

45 — Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Ġunju 2013, p. 64, punt 22.

46 — Pereżempju, klawżola kuntrattwali tista' ma tkunx abbużiva b'mod astratt iżda abbużiva f'ċerti ċirkustanzi biss; jew tista' tkun potenzjalment abbużiva, iżda peress li tkun ġiet innegozjata individwalment f'sitwazzjoni partikolari, tkun torbot lill-konsumatur inkwistjoni.

47 — Ninnota li din l-interpretazzjoni hija dik adottata minn ċerti qrati nazzjonali li jirrifjutaw li jikkonċedu s-sospensjoni billi jibbażaw ruħhom, b'mod partikolari, fuq il-fatt li d-differenza fin-natura bejn l-azzjoni individwali (kontroll konkret) u l-azzjoni kollettiva (kontroll astratt u ġenerali) tostakola l-estensjoni tal-effetti tat-tieni azzjoni għall-ewwel azzjoni. Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-Audiencia Provincial de Granada (qorti provinċjali ta' Grenada) Nru 128/2014, tat-23 ta' Mejju 2014, tal-Audiencia Provincial de Oviedo (qorti provinċjali ta' Oviedo), Nru 308/2014 u Nru141/2015, tas-17 ta' Diċembru 2014 u tal-20 ta' Mejju 2015,u tal-Audiencia Provincial de Girona (qorti provinċjali ta' Girona) Nru 332/2014, tat-3 ta' Diċembru 2014.

għall-intervent tal-konsumaturi leżi fl-azzjoni kollettiva[48]. Fl-aħħar nett, il-konsumatur isib ruħu limitat bil-mod ta' kif l-assoċjazzjoni tal-konsumaturi ddefendiet il-kawża, mingħajr il-possibbiltà li s-suġġett jiġi emendat jew li jiġu introdotti pretensjonijiet oħra, jew minħabba d-dewmien li, bħal fil-kawża preżenti, jikkostitwixxi ostakolu għall-protezzjoni tiegħu bħala konsumatur.

74. Għalhekk, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, fil-fehma tiegħi, b'kunsiderazzjoni għall-prinċipju ta' effettività, l-Artikolu 7 tad-Direttiva 93/13 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix regola proċedurali nazzjonali, bħal dik fil-kawża prinċipali, li tippermetti s-sospensjoni, minħabba s-supremazija tal-proċedura ċivili, ta' azzjoni individwali mressqa parallelament ma' mandat ta' inibizzjoni kollettiv, sakemm tingħata deċiżjoni definittiva li ttemm l-proċedura kollettiva, bil-kundizzjoni li, minn naħa, din is-sospensjoni la tkun obbligatorja u lanqas awtomatika u, min-naħa l-oħra, li l-konsumatur partikolari jkun jista' jiddiżassoċja ruħu mill-azzjoni kollettiva.

V – **Konklużjoni** Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej lil Juzgado de lo Mercantil nº 9 de Barcelona (qorti kummerċjali Nru 9 ta' Barcelona):

B'kunsiderazzjoni għall-prinċipju ta' effettività, l-Artikolu 7 tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix regola proċedurali nazzjonali, bħal dik fil-kawża prinċipali, li tippermetti s-sospensjoni, minħabba s-supremazija tal-proċedura ċivili, ta' azzjoni individwali mressqa parallelment ma' mandat ta' inibizzjoni kollettiv, sakemm tingħata deċiżjoni definittiva li ttemm l-proċedura kollettiva, bil-kundizzjoni li:

— din is-sospensjoni la tkun obbligatorja u lanqas awtomatika, u

— l-konsumatur ikkonċernat ikun jista' jiddiżassoċja ruħu mill-azzjoni kollettiva.

48 — F'dan ir-rigward, ara l-punt 41 ta' dawn il-konklużjonijiet.